**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Mejju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**-vs-**

**Amadeo Grima, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 259780M; u**

**Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru. 270/2011*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Amadeo Grima u Omissis u ċioè talli:

> Gewwa l-Fgura, nhar it-3 ta' Frar, 2011, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09:00hrs), ikkommetew serq minn gewwa l-hanut 'Soshique Beauty Clinic' sitwat fi Triq il-Koppla, Fgura, liema delitt huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Analise Trapani;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill xi persuna, u cioe' lill Analise Trapani kontra l-volonta' taghha, jew taw l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti filwaqt li kienet qeghda taghmel reat kontra is-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-propjeta (minbarra hsara involontarja fil-propjeta);

Lil Amadeo Grima wahdu: Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Frar, 2012,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 261(a)(c); 262, 267, 275, 277(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 86 u 87(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 55(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 49, 50, 289, 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

[1] Fol. 213

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-21 ta' Novembru, 2017.

Illi l-**Ispettur Daniel Zammit** ta rendikont tal-investigazzjoni kondotta minnu fejn Annalise Trapani sfat sekwestrata mill-imputati waqt li dawn kkomettew *hold-up* fil-hanut taghha. Spjega li l-ewwel darba li l-imputati marru l-hanut ta' Trapani kien jum qabel fejn dawn talbu appuntament fil-presenza tal-impjegata taghha Charlene Camilleri. Sar appuntament ghat-3 ta' Frar, 2011, fl-10.15am izda l-ghada filghodu, hekk kif fethet fid-9.05am, wasslu l-imputati w riedu jinqdew dak il-hin. Kif darhet biex iggib cavetta tal-vetrina, Grima mar minn warajha u qabbadha minn ghonqa filwaqt li Omissis rabtitilha idejha u saqajha b'lazzijiet li gabu maghhom. Ma halqha tpoggitilha carruta biex ma tghajjatx u Grima ghamel sikkina ma ghonqa. Peress li fil-hanut wasslu xi klijenti Grima qal lil Omissis tghidilhom jitilqu, u lil Trapani wissiha li jekk tikxfu kien ser joqtolha.[2] Mill-hanut insteraq laptop u madwar €300.

Sussegwentement Trapani tat deskrizzjoni tal-imputati u meta l-Pulizija rcevew informazzjoni li dawk wara dan il-*hold up* kienu jiffrekwentaw id-Detox saret ghassa hemm hekk. Dehret koppja li kienet taqbel mad-deskrizzjoni moghtija minn Trapani. Camilleri u Trapani identifikaw lill-imputati minn ritratti ta' diversi persuni kif ukoll ftit wara saret *ID parade* mmexxija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella.[3] Jum wara li l-akkuzati tressqu l-Qorti, Trapani nfurmat lill-ufficjal proskeutur li qassis kien irritorna l-laptop misruq wara li gie mghoddi lilu minn min kien xtrah. Meta l-imputat gie interrogat dan ikkonferma li kien jiehu l-methadone ghax kellu l-vizzju tad-droga u kompla biex jinnega l-involviment tieghu fis-serqa; kkonfrontat mill-fatt li zewg xhieda okulari identifikaw lilu u lil Omissis sahaq li *"raw hazin"*.[4] Iktar il-quddiem l-ufficjal investigattiv kien gie mgharraf li fuq il-post derubat instabu impronti digitali tal-imputati.[5]

[2] Fol.48
[3] Fol.49
[4] Fol.39
[5] Fol.50

Illi **PS430 Andrew St. John** kien irrikorra fuq il-post tas-serqa fejn Trapani spjegat dak li ghaddiet minnu. Innota li ma saqajn Trapani kien ghad ghandha bicca lazz. Spjega kif l-malviventi poggew il-bocca ta' *roll-on* f'halqha. Id-derubata li sahqet li kellha *"a very clear picture taghhom"*, tat deskrizzjoni tal-malviventi lill-pulizija.[6] Intalbet taghmel *e-fit* u harget b'zewg *ID kits*. Fil-kors tal-investigazzjoni gew mitkellma informants u bid-deskrizzjoni li l-pulizija kellha f'idha wasslu biex jidentifikaw *"koppja partikolari illi tiffrekwenta in-naha tas-south u li gieli rawhom id-detox"*.[7] L-ghada saret osservazzjoni minnu u min PC1337 u f'hin minnhom intelmah persuna li xaghru kien kif deskritt minn Trapani sejjer ghal methadone. Fil-vettura li hareg minnha kien hemm martu li wkoll iffittjat id-deskrizzjoni li tat id-derubata. Ritratti taghhom gew murija, fost ritratti ohra, lil Trapani u lil impjegata taghha fejn l-imputati gew identifikati bhala l-aggressuri. Wara saret *ID parade* fejn l-imputati regghu gew hekk identifikati.[8] Minn naha tieghu **PC1337 Kevin Curmi** jaghti verzjoni simili fejn ikkonferma l-fatti kif deskritti mis-surgent St. John.[9]

Illi **Annalise Trapani** xehdet kif hi *beauty therapist* u lejlet is-serqa fit-2 ta' Frar, 2011, l-imputati kienu marru l-hanut taghha u Omissis talbet appuntament ghal facial. Inghatat appuntament ghal 4pm u fil-fatt l-imputati marru xi 3.45pm meta fil-hanut kien hemm impjegata taghha u madwar 4 klijenti ohra. L-imputati qalulha li riedu appuntament iehor u inghatalhom wiehed ghall-ghada fl-10:15am. Ftit wara li kienu telqu regghet irritornat Omissis biex tikkonferma l-appuntament tal-ghada. Dakinhar tas-serqa meta kienu saru xi 9:05am u kienet qed tiftah il-hanut gew l-imputati u staqsew jekk setghux jinqdew dak il-hin. Infurmathom li kellha klijenti ohrajn izda l-imputat talabha turieh xi kremi. Marret igib ic-cavetta u hi u diehla l-gewwa l-imputati dahhlu warajha fejn l-imputat qabadha minn ghonqa *"Imbghad hemm hekk l-imputat beda jwissini biex ma nghajjatx…nizzluni ghar-rkupptejja, rabtuli idejja fuq wara u saqajja wkoll u ghamluli speci ta' tap ma halqi u carruta. L-imputat hawn hekk hareg sikkina u zammha ppuntata ma ghonqi."* Trapani xehdet li serqu mal-€300 fosthom €150 fi flus kontanti li **l-imputat hadhom mill-cash register**.[10] Ittiehed wkoll laptop Acer li kien jiswa madwar €800. Feriti ma soffrietx u hsara

[6] Fol.51-52
[7] Fol.53
[8] Fol.54
[9] Fol.62-63
[10] Fol.59

ma kienx hemm. *"Qabel ma telaq l-imputat riedni naghtih bewsa … beda wkoll jikkumentali fuq affarijiet koncernanti l-persuna tieghi. Jiena hemm hekk kont ghadni marbuta….l-imputat kien nizel gharkubtejn u s-sikkina kien ghadu jzommha u jippuntaha lejja."*[11]Mitkellma mill-**Perit Valerio Schembri**, Trapani spjegat ukoll kif l-imputat qalilha li *"jekk tikxfu joqtolha, qalilha li jaf fejn toqghod u saqsiha ukoll min joqghod maghha d-dar"*.[12]

Illi **Charlene Camilleri,** impjegata ma Trapani, ikkonfermat li l-imputati rathom l-ewwel darba lejlet is-serqa meta staqsew ghall-appuntament.[13]

Illi **PS465 Daniel Abela** u **PS46 Charlon Casha** kkonfermaw ir-relazzjoni taghhom.[14] Impronti digitali gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt minn PS46 flimkien ma xi oggetti li kienu ta' siwi ghall-investigazzjoni. L-istess xhieda hadu wkoll numri ta' ritratti li jinsabu esebiti fil-faxxikolu relattiv.[15]

Illi **Joseph Mallia** xehed kif wara li sar comparison bejn l-impronti tal-imputat[16] u lifters elevati mis-*scene of crime officers*, **irrizulta qbil bejn impronti fuq ix-xena tad-delitt ma dawk ta' Amadeo Grima**.[17] Mir-relazzjoni tal-abbli espert rrizulta li l-impronta elevata permezz tal-lifter document **11 ABJ 301** *"taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Amadeo Grima, …. detentur tal-karta tal-identita` numru 259780M"*. Izid *"impronta li giet elevata permezz tal-lifter document **11 ABJ 302** taqbel u u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Amadeo Grima… detentur tal-karta tal-identita` numru 259780M"*.[18]

Illi jirrizulta li l-lifters **11 ABJ 301** u **11 ABJ 302 gew** elevati minn fuq il-kexxun tal-cash register.[19] Fix-xhieda taghha Trapani kienet spjegat kif rat lill-imputat jiehu madwar €150 mill-cash register[20] u quddiem il-Perit

[11] Fol.58-59
[12] Fol.99; **Dok.VS**. Vide ukoll stqarrija sussegwentement kkonfermata bil-gurament quddiem il-Perit tekniku a fol.114.
[13] Fol.60
[14] Fol.140
[15] **Dok. DA1** a fol.159 et seq
[16] Fol. 158
[17] Fol.155. Relazzjoni Dok. JM a fol.157
[18] Fol.28-29 tar-relazzjoni Dok.JM.
[19] **Dok. DA1** Fol.161 - 162
[20] Fol.59.

Tekniku kkonfermat li Grima *"Fetah il-cash u battal kollox…..Beda jqalleb fil-kxaxen u taht il-cash."*[21]

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjonijiet migjuba sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi gew prezentati numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat u cioe` dawk moghtija fit-3 ta' Marzu, 2000;[22] fit-12 ta' Lulju, 2007;[23] fil-11 t'Awissu, 1998;[24] fl-24 ta' Mejju, 2006;[25] fis-27 ta' Lulju, 2006;[26]fis-26 t'Ottubru, 2006;[27]fl-24 t'April, 2009;[28]fit-22 ta' Dicembru, 2009[29] u fil-5 ta' Dicembru, 2012.[30] Illi ghajr ghall-ewwel zewg sentenzi citati, jirrizultaw fil-kumplament il-konnotati tal-imputat. Jirrizulta wkoll li l-imputat instab hati bosta drabi ta' serq. L-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ghalhekk gie soddisfacentment ippruvat ukoll.

Illi rigward il-piena l-Qorti qiset in-natura serjissima tal-akkuzi li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali voluminuza tal-imputat, ta' dak li gie determinat mill-probation officer u cioe` in-nuqqas t'affidabilita` tal-imputat, tan-nuqqas t'impenn minn tieghu sabiex ihalli l-karriera ta' kriminalita` li fassal ghalih u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li dan il-kaz jirrisali ghal Frar 2011. Dwar dan izda l-Qorti nnutat kif l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha nhar il-15 ta' Frar, 2012 - sena wara li nbeda l-kaz - u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li dan il-procediment ittawwal sforz ta' xi mankanza tal-istess prosekuzzjoni.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis li ghandha tigi imposta piena karcerarja.

---

21 Fol.114
22 Fol.177 et seq.
23 Fol.180
24 Fol.183
25 Fol.186
26 Fol.188
27 Fol.191
28 Fol.195
29 Fol.199
30 Fol.237

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 86 u 87(c) 261(a)(c); 262, 267, 275, 277(a) u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah ghal 4 snin prigunerija.

A tenur tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenza taħt dak l-Att għal żmien hames snin.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €910.88 rapprezentanti nofs l-ispejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**